

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1005****tal-25 ta' Ġunju 2015****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi taċ-ċomb f'ċerti oġġetti tal-ikel****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Il-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (il-Bord CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adotta opinjoni dwar iċ-ċomb fl-ikel fit-18 ta' Marzu 2010 <sup>(3)</sup>. Il-Bord CONTAM identifika n-newrotossiċità fl-iżvilupp tat-tfal żgħar u effetti kardjovaskulari u n-nefrotossiċità fl-adulti bħala effetti negattivi kritiċi potenzjali taċ-ċomb li fuqhom tissejjes il-valutazzjoni tar-riskju. Indika wkoll li l-protezzjoni tat-tfal u tan-nisa fl-età tat-tqala kontra r-riskju potenzjali ta' effettifl-iżvilupp newroloġiku hija biżżejjed biex jiġu protetti l-popolazzjonijiet kollha mill-effetti negattivi l-oħrajn taċ-ċomb. Huwa għalhekk xieraq li jitnaqqas l-esponiment għaċ-ċomb fid-dieta billi jitbaxxew il-livelli massimi eżistenti fl-ikel u jiġu ffissati livelli massimi addizzjonali għaċ-ċomb fi prodotti rilevanti.
- (3) Diġà jeżistu livelli massimi għall-formoli tat-trabi u l-formoli ta' prosegwiment. Sabiex tiġi garantita aktar it-kompliġa tat-tnaqqis tal-esponiment fid-dieta tat-trabi u t-tfal żgħar, il-livelli massimi eżistenti għandhom jitbaxxew u għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi ġodda għal ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali għal trabi u tfal żgħar u xarbiel, li huma ferm ikkunsmati minn dan il-grupp vulnerabbli ta' konsumaturi.
- (4) Dejta ta' okkorrenza ġdida turi li xi eżenzjonijiet eżistenti mil-livelli massimi awtomatiċi mhumiex aktar meħtieġa peress li l-livelli massimi awtomatiċi jistgħu jiġu mħarsa permezz ta' prassi tajba jew ikunu jistgħu jintlaħqu livelli massimi aktar baxxi. Għaldaqstant, il-livelli massimi speċifiċi ma għadhomx meħtieġa għall brassika għajr għall-brassika mwerrqa, il-legumi friski, il-biċċa l-kbira tal-berries u l-frott żgħir filwaqt li l-livelli massimi eżistenti għandhom jitnaqqsu għaċ-ċefalopodi, il-biċċa l-kbira tal-ħxejjex tal-frott, il-biċċa l-kbira tal-meraġ tal-frott, l-inbid u l-inbid aromatizzat.
- (5) Għal-leħjet il-bodbod, il-konformità mal-livelli massimi attwali hija diffiċli. Billi l-konsum ta' dan il-prodott huwa baxx u billi l-effetti fuq l-esponiment tal-bniedem huma negliġibbli, ikun xieraq li l-livelli massimi taċ-ċomb fil-leħjet il-bodbod jogħlew.
- (6) Is-sejbiet erratiċi ta' livelli għolja ta' ċomb fl-għasel qanqlu azzjonijiet ta' infurzar mill-Istati Membri b'livelli differenti ta' ċomb. Id-differenzi fir-regoli adottati mill-Istati Membri jistgħu jtellfu l-funzjonament tas-suk komuni, u għalhekk għandu jiġi stabbilit livell massimu għaċ-ċomb fl-għasel.
- (7) Billi l-konsum tat-te u l-infuzjonijiet erbali jista' jkun kontributor importanti għall-esponiment fid-dieta, għandu jiġi stabbilit livell massimu għal dawn il-prodotti. Madankollu, fin-nuqqas ta' dejta dwar il-weraq nixfin tat-te u l-partijiet nixfin ta' pjanti oħra għall-preperazzjoni ta' infuzjonijiet erbali li biha jista' jiġi stabbilit dan il-livell massimu, id-dejta ta' okkorrenza għandha tinġabar fid-dawl tal-iffissar possibbli ta' livell massimu speċifiku fil-ġejjieni.
- (8) Il-leġiżlazzjoni dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi u t-tfal żgħar u l-ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali ġiet sostitwita u wasslet għall-ħtieġa ta' bidliet għal ċerti noti tal-aħħar.

<sup>(1)</sup> ĠUL 37, 13.2.1993, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠUL 364, 20.12.2006, p. 5).<sup>(3)</sup> Il-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM); Scientific Opinion on Lead in Food. EFSA Journal 2010; 8(4):1570.

- (9) L-Istati Membri u l-operaturi fin-negozju tal-ikel għandhom jingħataw żmien biex jadattaw għal-livelli massimi ġodda stabbiliti b'dan ir-Regolament. Għalhekk, id-data tal-applikazzjoni tal-livelli massimi taċ-ċomb għandha tiġi differita.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 qed jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-livelli massimi għaċ-ċomb stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, kif emendat b'dan ir-Regolament, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016. Prodotti tal-ikel li ma jkunux konformi ma' dawn il-livelli massimi u li jitqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2016 jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati wara dik id-data sad-data ta' skadenza jew sad-data minima ta' durabilità tagħhom.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Is-Subtaqsima 3.1 (Ċomb), hija sostitwita b'dan li ġej:

“3.1	Ċomb	
3.1.1	Ħalib nej <sup>(6)</sup> , ħalib trattat bis-sħana u ħalib għall-manifattura tal-prodotti bbażati fuq il-ħalib	0,020
3.1.2	Ħalib tat-trabi u ħalib ta' prosegwiment	
	mibjugħ bħala trab <sup>(8)</sup> <sup>(29)</sup>	0,050
	mibjugħ bħala likwidu <sup>(8)</sup> <sup>(29)</sup>	0,010
3.1.3	Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi u tat-tfal iż-żgħar <sup>(3)</sup> <sup>(29)</sup> għajr 3.1.5	0,050
3.1.4	Ikel għal skopijiet mediċi speċjali <sup>(9)</sup> maħsub speċifikament għat-trabi u t-tfal żgħar	
	mibjugħ bħala trab <sup>(29)</sup>	0,050
	mibjugħ bħala likwidu <sup>(29)</sup>	0,010
3.1.5	Xorb għat-trabi u t-tfal żgħar ttikkettat u li jinbiegħ bħala tali, minbarra dawk imsemmija fi 3.1.2 u 3.1.4	
	mibjugħ bħala likwidu jew biex ikun rikostitwit skont l-is-truzzjonijiet tal-manifattur inkluż il-meraq tal-frott <sup>(4)</sup>	0,030
	li għandu jitħejja permezz ta' infużjoni jew dekozzjoni <sup>(29)</sup>	1,50
3.1.6	Laħam (minbarra l-ġewwieni) ta' annimali bovini, nagħaġ, majjali u tjur <sup>(6)</sup>	0,10
3.1.7	Ġewwieni tal-annimali bovini, nagħaġ, majjali u tjur <sup>(6)</sup>	0,50
3.1.8	Laħam tal-muskoli tal-ħut <sup>(24)</sup> <sup>(25)</sup>	0,30
3.1.9	Ċefalopodi <sup>(52)</sup>	0,30
3.1.10	Krustaċej <sup>(26)</sup> <sup>(44)</sup>	0,50
3.1.11	Molluski bivalvi <sup>(26)</sup>	1,50
3.1.12	Ċereali u legumi	0,20
3.1.13	Ħxejjex għajr il-brassika mwerrqa, il-leħjet il-bodbod, il-ħxejjex tal-weraq u l-ħxejjex aromatiċi friski, il-fungi, il-ħxejjex tal-frott, u l-ħaxix tal-baħar <sup>(27)</sup> <sup>(53)</sup>	0,10
3.1.14	Il-Brassika mwerrqa, il-leħjet il-bodbod, il-ħxejjex bil-weraq għajr il-ħwawar friski u l-fungi li ġejjin <i>Agaricus bisporus</i> (faq-qiegħ komuni), <i>Pleurotus ostreatus</i> (faq-qiegħ tal-ferla), <i>Lentinula edodes</i> (faq-qiegħ shiitake) <sup>(27)</sup>	0,30

3.1.15	Ħxejjex tal-frott	
	qamħirrum ħelu <sup>(27)</sup>	0,10
	għajr il-qamħirrum ħelu <sup>(27)</sup>	0,05
3.1.16	Frott, għajr il-cranberry, il-passolina, il-frott tas-sebuqa u l-frott tal-imbrijagla <sup>(27)</sup>	0,10
3.1.17	Cranberry, passolina, il-frott tas-sebuqa u l-frott tal-imbrijagla <sup>(27)</sup>	0,20
3.1.18	Xaħmijiet u żjut, inkluż xaħam tal-ħalib	0,10
3.1.19	Meraq tal-frott, meraq tal-frott ikkonċentrat bħala rikostitwit, u nettari tal-frott	
	esklużivament minn berries u frott żgħir ieħor <sup>(14)</sup>	0,05
	mill-frott għajr il-berries u frott żgħir ieħor <sup>(14)</sup>	0,03
3.1.20	Prodotti tal-inbid (inkluż inbid spumanti, ħlief inbid likur), si-dru, perry jew inbid mill-frott <sup>(11)</sup>	
	prodotti magħmula mill-ħsad tal-frott tal-2001 sal-ħsad tal-frott tal-2015	0,20
	prodotti magħmula mill-ħsad tal-frott tal-2016 'il quddiem	0,15
3.1.21	Inbid aromatizzat, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails ta' prodotti ta' inbid aromatizzat <sup>(13)</sup>	
	prodotti magħmula mill-ħsad tal-frott tal-2001 sal-ħsad tal-frott tal-2015	0,20
	prodotti magħmula mill-ħsad tal-frott tal-2016 'il quddiem	0,15
3.1.22	Supplimenti tal-ikel <sup>(39)</sup>	3,0
3.1.23	Għasel	0,10"

(2) In-nota tat-tmiem (3) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

“(3) L-oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).”

(3) In-noti tat-tmiem (8) u (9) huma mħassra. Ir-referenzi għan-noti tat-tmiem (8) u (9) huma sostitwiti b'referenzi għan-nota tat-tmiem (3).

(4) In-nota tat-tmiem (11) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

“(11) L-inbid u l-inbid spumanti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).”

(5) In-nota tat-tmiem (13) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

“(13) L-oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

Il-livell massimu għall-OTA applikabbli għal dawn ix-xarbiets huwa funzjoni tal-proporzjon ta' nbid u/jew għeneb li għandu jkun preżenti fil-prodott finali.”

(6) In-nota tat-tmiem (16) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

“(16) It-trabi u t-tfal żgħar kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).”

(7) In-nota tat-tmiem (28) hija mħassra.

(8) In-nota tat-tmiem (44) għandha tiġi sostitwita bin-nota tat-tmiem li ġejja:

“(44): Laħam tal-muskoli mill-appendiċi u l-addome. Din id-definizzjoni teskludi ċ-ċefalotoraci tal-krustaċej. Fil-każ tal-granċijiet u ta' krustaċej simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*) Laħam tal-muskoli mill-appendiċi.”

(9) In-noti tat-tmiem (52) u (53) li ġejjin huma miżjuda:

“(52): il-livell massimu japplika għall-annimali mibjugħa mingħajr vixxeri.

(53): fir-rigward tal-patata l-livell massimu japplika għall-patata mqaxxa.”

---